# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tas-17 ta' Marzu 2016

Talba Numru: 764/2015

Numru fuq il-Lista: 5

**Shane Rowe**
**K.I. 71698(A)**

**vs.**

**Suzanne D'Amato Gautam**
**K.I. 119976(M)**
**u**
**Krishna Prasad Gautam**
**K.I. 105446(A)**

**It-Tribunal**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi ppreżentat fl-14 ta' Settembru 2015, illi permezz tiegħu l-attur talab:

1) Premess li l-esponent akkwista "food trailer" mingħand l-intimati;
2) Premess illi irriżulta li dan il-"food trailer" kien afflitt minn difetti latenti kif sejrin jiġu pprovati aħjar waqt din il-kawża;
3) Premess illi dan il-"food trailer" mhuwiex tal-kwalita` pattwita u mhux tal-valur imħallas.

Għaldaqstant l-esponent jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu:-

1) Jiddikjara li dan il-"food trailer" kien afflitt minn difetti latenti;
2) Jillikwida l-ammont li għandu jiġi rifuż lill-esponent konsistenti mill-valur tax-xogħol u materjal li l-esponent kellu jagħmel fil-"food trailer" u mal-valur li għalih ħallas lill-intimati;
3) Jikkundanna lill-intimati jħallsu l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż tal-preżenti u bl-imgħax kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti minnhom flimkien ippreżentata fit-12 t'Ottubru 2015, illi permezz tagħha huma eċċepew:

1. Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża, stante illi l-attur qed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jiddikjara fl-ewwel lok ill l-*food trailer* kien afflitt minn difetti u konsegwentementsabiex jillikwida d-danni allegatament sofferti minnu; illi t-talba tal-attur għal dikjarazzjoni ta' din ix-xorta mingħand dan l-Onorabbli Tribunal teżorbita l-kompetenza tiegħu, partikolarment meta l-attur naqas milli jillimita t-talba tiegħu għall-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċeppiet, u wkoll in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hija nulla w irrita, stante illi l-attur qed jiddikjara li l-*food trailer* in kwistjoni għandu difetti latenti u wkoll li mhux tal-kwalita` pattwita; illi għalhekk ma jirriżultax sodisfaċentement x'azzjoni qed tiġi proposta mill-attur u x'rimedju qed jitlob li jingħata, u fid-dawl tal-prinċipju illi *electa una via, non datur recursum ad alteram*, tali azzjoni għandha tiġi meqjusa bħala nulla.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċeppiet, u fil-mertu, it-talba tal-attur hija legalment u fattwalment infondata, u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur, stante illi l-*food trailer* li ġie mibjugħ u kkonsenjat lill-attur ġie debitament spezzjonat mill-istess attur qabel

ma ztrah, u peress li kien oġġett *di seconda mano*, il-prezz miftiehem bejn il-partijiet u mħallas mill-attur kien jirrifletti l-kundizzjoni tat-*trailer*; illi fi kwalunkwe każ, l-oġġett mibjugħ u kkonsenjat lill-attur kien addattat għall-użu li għalih kien intiż, u dan kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjonni tal-kawża.

4. Illi għalhekk it-talba tal-attur għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tiegħu.

5. Salv eċċezzjonijet ulterjuri permessi mil-liġi.

Ra illi fl-udjenza tal-21 ta' Jannar 2016, it-Tribunal sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut, u l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata sentenza preliminari fuq iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari.

Ra illi l-attur permezz ta' nota minnu ppreżentata fid-9 ta' Frar 2016 esebixxa żewġ sentenzi in sostenn tal-argomenti tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet**

Fil-każ odjern għadhom ma tressqu ebda provi u t-Tribunal qiegħed iserraħ fuq it-talba kif dedotta u r-risposta tagħħha sabiex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut.

<u>Dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut.</u>

Fit-talba, l-attur filwaqt illi jillimita l-pretensjoni tiegħu sal-"massimu ta' din il-proċedura €3,494.06", jonqos illi jindika l-ammont eżatt minnu pretiż. Huwa jitlob lil dan it-Tribunal illi "jillikwida l-ammont li għandu jiġi rifuż" fost talbiet oħra.

In vista ta' dan, il-konvenuti jallega li għaldaqstant it-talba attriċi kif dedotta teżorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal.

Illi ai termini tal-Liġi Speċjali li waqqfet l-istess Tribunal u tirregola l-operat tiegħu u cioe l-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kaptolu 380) partikolarment l-Artikolu 3 (1) tal-imsemmi Att, it-Tribunal ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' **biss** it-talbiet kollha ta' flus (bl-Ingliż money claims) ta' ammont li ma jeċċedix il-ħamest'elef Ewro.

Illi huwa minnu li dan it-Tribunal matul is-snin kien qiegħed jisma', jiddeċiedi u jaqta' kawżi mhux strettament money claims anke kawżi għad-danni, bħalma hija l-kawża Vincenza Cassar vs. Jessica u Clinton Busuttil[1] (Talba Numru: 402/2010) li tagħha l-konvenut esebixxa s-sentenza. Bħal dik, hemm litanija ta' sentenzi li jistgħu jiġu ċċitati, uħud minnhom deċiżi minn dan it-Tribunal kif presejdut.

Illi f'dik il-kawża ċċitata, u fil-kawżi l-oħrajn, b'differenza mill-kawża odjerna, l-attriċi kienet indikat l-ammont li kien qiegħed jiġi minnha pretiż. F'din il-kawża, l-ammont pretiż qed jiġi mitlub ikun illikwidat minn dan it-Tribunal.

Hija fehma ta' dan it-Tribunal li dana jrendi t-talba kif dedotta mill-attur oltre l-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u biex jasal jillikwida l-ammont pretiż, it-Tribunal ikun qiegħed iġebbed id-definizzjoni ta' "money claim", ferm oltre dak illi kellu f'moħħu l-leġislatur.

In vista li t-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti, mhuwiex ser jgħaddi għall-eżami tat-tieni eċċezzjoni preliminari.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u konsegwetement jiddikjara li t-talbiet kif dedotti mill-attur mhumiex fil-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal u għaldaqstant qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-mertu tal-kawża.

L-ispejjeż tal-kawża jkunu sopportati mill-attur.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur

[1] Deċiża minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fis-17 ta' Settembru 2012 u mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Diċembru 2014